**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 59/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Albert Mifsud**

Illum 20 ta′ April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Albert Mifsud**, detentur tal-Karta tal-Identita′ bin-Numru 421658(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta′ April 2020 għall-ħabta ta′ 08:20hrs fl-inħawi ta′ Delimara limiti ta′ Marsaxlokk u f′dawn il-Gżejjer:

1. waqt staġun miftuħ għall-kaċċa ta′ fuq l-art, kien qiegħed jikkaċċja mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f′ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-

Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79/2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42).

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oġġetti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 12(1) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1500). Fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Frar 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet relattivi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi. Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li fil-21 ta' April 2020 il-Pulizija kienu fuq ronda madwar Delimara limiti ta' Marsaxlokk fejn għall-ħabta tat-8.20am għamlu spezzjoni fuq l-appellant li allegatament kien qiegħed għall-kaċċa. Waqt l-ispezzjoni l-appellant ġie mistoqsi jekk kellux liċenzja speċjali maħruġa b'deroga tar-rebbiegħa 2020. Mill-affidavits ta' PS 1030 C. Theuma u PC 47 B. Briffa jirriżulta li l-appellant kellu liċenzja ġenerali għall-kaċċa iżda kien sprovvist minn liċenzja speċjali. Kif jirriżulta mill-irċevuta li tifforma parti mill-atti proċesswali, minn għand l-appellant il-Pulizija kkonfiskaw senter tal-għamla Breda, tliet (3) skrataċċ u liċenzja ġenerali tal-kaċċa.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa fl-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha,

> allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li l-provi prodotti kienu mhux biss kunfliġġenti imma wkoll insuffiċjenti sabiex iwasslu għas-sejbien ta' ħtija fin-nuqqas tal-aħjar prova. Huwa jargumenta li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova l-każ oltre kull dubju raġonevoli u li għalhekk kellha l-obbligu li tressaq l-aqwa prova. Jgħid li x-xhud tal-Prosekuzzjoni l-ewwel ta verżjoni dwar kif kellha tinkiseb il-liċenzja speċjali iżda f'seduta oħra wara dan ix-xhud biddel il-verżjoni tiegħu u kkonferma li l-applikazzjoni dak iż-żmien kellha ssir permezz ta' SMS. L-appellant isostni li minħabba dan l-Ewwel Qorti kellha tiskarta x-xiehda mogħtija minn dan ix-xhud u konsegwentement allura ma jkunx ippruvat il-fatt jekk kellux liċenzja u x'kellu jagħmel sabiex jikseb tali liċenzja. Jilmenta mill-fatt li mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni ma rriżultax jekk hu rċeviex l-SMS biex japplika u lanqas inġiebet prova jekk applikax. Jargumenta li ladarba ma tressqet l-ebda prova dwar jekk hu kienx munit bil-liċenzja, b'hekk kellu jiġi liberat.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti minħabba li kien qiegħed għall-kaċċa mingħajr il-liċenzja speċjali neċessarja u dana bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra; [...]."

Illi għalhekk dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa l-fatt li l-appellant ma kellux il-liċenzja rikjesta fil-mument li kien għall-kaċċa. Tajjeb jiġi speċifikat li hawn qed nitkellmu fuq il-liċenzja tar-rebbiegħa li hija regolata permezz ta' Regolament 30 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-proċedura li kellha tintuza sabiex din tinkiseb u jekk inbagħatx il-messaġġ lill-appellant huma punti rrilevanti għal mertu ta' dan il-każ. Għalhekk f'dawn il-proċeduri l-kwistjoni li kellha tiddetermina l-Ewwel Qorti kienet jekk l-appellant kienx għall-kaċċa fir-rebbiegħa u jekk kellux il-permess neċessarju.

Illi mill-provi mressqa u b'mod partikolari mill-affarijiet li ġew ikkonfiskati u li ġew msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza huwa paċifiku li dakinhar tal-21 ta' April 2020 l-appellant kien qiegħed għall-kaċċa.

Illi kemm mill-affidavit ta' PS 1030 C. Theuma kif ukoll mill-affidavit ta' PC 47 B. Briffa jirriżulta li l-appellant ikkonferma li huwa ma kellux il-liċenzja speċjali. Minbarra dan Carl Cauchi fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Frar 2022 ikkonferma li l-appellant ma applikax għal-liċenzja. Fit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni ta' Cauchi jirriżulta s-segwenti:

Difiża: "Intom lista ta' nies li applikaw dik is-sena, għandkom?"

Xhud: "Iva, iva. Għandi, għandi."

Difiża: "Għandek fuqek?"

Xhud: "Le, fuqi ma għandix, imma jien fittixt fiha, l-ID Card tas-Sur Mifsud u ma kienx qiegħed fiha."

Difiża: "U lilek ma rriżultalekx jiġifieri?"

Xhud: "Ma telax le."

Illi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet għalfejn għandha tiddubita mix-xiehda mogħtija minn Carl Cauchi meta huwa xehed li wara li għamel il-verifiki tiegħu ma jidhirx li l-appellant kien applika għall-permess. Ġialadarba teżisti konferma li l-appellant ma applikax għall-permess, fil-fehma ta' din il-Qorti hemm prova li ma tħalli l-ebda dubju li allura l-appellant kien qiegħed għall-kaċċa mingħajr permess.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li ma setax jinstab ħati tal-fatt li ma ġabx il-permess sabiex jikkaċċja meta l-proċedura li bih kien qed jinħareġ il-permess ma kinitx sorretta minn liġi. Jirrimarka li la darba r-rappreżentant tad-dipartiment li kellu joħroġ il-liċenzja ma kienx ċar dwar kif persuna setgħet tikseb tali liċenzja, kif jista' persuna tistenna lill-pubbliku stess ikun jaf b'tali proċedura u kwindi jsegwiha. Jilmenta li din il-proċedura l-ġdida ma kinitx sorretta minn liġi u konsegwentement f'ċirkostanzi fejn mhux kullħadd għandu għarfien teknoloġiku huwa ma għandux jinstab ħati tan-nuqqas tiegħu.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak ikkwotat mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu meta għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Nazzareno Fenech vs. Chairman għan-nom ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku** (Numru 481/1996). Minn analiżi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li Regolament 30 jistabbilixxi obbligu li jinkisbu liċenzji varji sabiex wieħed ikun jista' joħroġ għall-kaċċa nkluż il-kaċċa fir-rebbiegħa. Iżda l-istess Regolament ma jispeċifikax kif dawn il-liċenzji jiġu amministrati. Minkejja dan, xorta jibqa' l-fatt li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi obbligu fuq il-

persuni li jridu joħorġu għall-kaċċa fir-rebbiegħa li jiksbu l-permess neċessarju. Dan ma jistax jiġi njorat mill-Qorti.

Illi dwar l-argument imressaq mill-appellant rigwardanti n-nuqqas ta' għarfien minn naħa tar-rappreżentant tad-dipartiment konċernat, din il-Qorti hija tal-fehma li dan in-nuqqas ta' għarfien ma jiskużax lill-appellant mill-fatt li minkejja li kien jaf li ma kellux liċenzja, huwa xorta ħareġ għall-kaċċa.

Illi jekk l-applikazzjoni saritx b'mod elettroniku jew manwali huwa rrilevanti. Ta' bilħaqq l-appellant seta' iċempel lid-dipartiment jew jagħmel kuntatt miegħu skont kif jidhirlu hu u dana sabiex jivverifika kif seta' jikseb tali liċenzja. Fin-nuqqas li jikseb liċenzja, dak li kellu jagħmel l-appellant kien sempliċement li ma joħroġx għall-kaċċa *sic et simpliciter*!

Illi b'hekk anke t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Albert Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima

XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**